**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI M GRIXTI LL.M. LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 26 ta' Mejju 2021**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 12/2019**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Romario Barbara**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża bin-numru 12 tal-2019 kontra Romario Barbara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0418596(M) akkużat fl-uniku kap tal-Att tal-Akkuża talli nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru 2016 ġewwa il-Gżejjer Maltin kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-cannabis meta ma kienx fil-

pussess ta′ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruga mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort′ohra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b′xi mod iehor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Sahha u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik l-imsemmija droga, dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-Regoli, u b′dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tiegħu**.

**2.** Rat illi l-akkużat Romario Barbara ma qanqal ebda eċċezzjoni preliminari wara n-notifika lilu magħmula tal-Att tal-Akkuża u dan fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali.

**3**. Rat illi madanakollu fit-28 ta′ Awwissu 2020, l-akkużat ippreżenta rikors li permezz tiegħu talab lil Qorti Kriminali tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata minnu nhar it-23 ta′ Settembru 2016 bħala leżiva tad-drittijiet fondamentali tiegħu u għaldaqtsant inammissibbli bħala prova. Talab għalhekk l-isfilz tagħha mill-atti proċesswali.

**4**. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 ta′ Ottubru 2020 li permezz tiegħu il-Qorti laqgħet limitatament it-talba tar-rikorrent kontenuta fir-rikors datat it-28 ta' Awwissu 2020 fis-sens li filwaqt li ma ddikjaratx l-istqarrija tar-rikorrent rilaxxata fit-23 ta' Settembru 2016 bħala leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu, ddikjarat din l-istqarrija bħala prova inammissibbli u konsegwentement ordnat l-isfilz tagħha mill-atti proċesswali. Il-Qorti konsegwentement qieset ukoll inammissibbli kwalunwke referenza li saret minn xhieda jew f'provi dwar il-kontenut tal-istqarrija u għal dak li r-rikorrent setgħa qal waqt l-investigazzjoni mingħajr il-preżenza ta' Avukat.

**5.** Rat ir-rikors tal-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fit-02 ta' Novembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tiddeċiedi mill-materja in kwistjoni skont il-liġi u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**6**. Rat ir-risposta tal-akkużat Romario Barbara tal-20 ta' Novembru 2020 fejn issottometta li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2020 timmerita li tiġi konfermata u l-appell tal-Avukat Ġenerali miċħud.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi fl-appell minnu ntentat, l-Avukat Ġenerali jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament iddeċidiet li twarrab il-valur probatorju ta' stqarrija rilaxxata mill-persuna akkużata u dan għal motiv uniku illi din ma kellhiex avukat preżenti magħha waqt l-interrogatorju sabiex joffrilha dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment jistgħu isiru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontriha. Illi l-Avukat Ġenerali preliminarjament iżda jilmenta wkoll illi il-kwistjoni dwar l-valur probatorju jew l-ammissibbilita' tal-istqarrija u għalhekk ta' prova determinanti fil-proċess ġudizzjarju kellu jitqanqal mill-appellat fit-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol minn meta ġiet lilu notifikata l-Att tal-Akkuża, terminu perentorju li mhux prorogabbli. Jargumenta l-Avukat Ġenerali illi għall-appellat kien diġà magħruf lilu, f'dak l-istadju tal-proċeduri, l-insenjament li kien qed jemani mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-kwistjoni ta' dritt marbut mal-valur probatorju ta' stqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza legali, u allura ġaladarba it-terminu lilu konċess kien laħaq iddekora huwa kien prekluż milli iqajjem din l-eċċezzjoni fi stadju inoltrat tal-proċeduri u ċioe' lejliet iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Biex isaħħaħ l-argument tiegħu l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għas-

sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fl-appell fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Pollacco fejn gie hekk deċiż:

> **L-Artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien ma' l-Artikolu 449(1), jistabbilixxu terminu perentorju li fih għandhom jingħataw l-eċċezzjonijiet preliminari u eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi mill-akkużat (terminu perentorju simili jingħata lill-Avukat Ġenerali fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi li hu jkun irid iqajjem (Art. 438(3)). Spiss qed jiġri, però, li wara li jkunu ingħataw dawn l-eċċezzjonijiet, l-akkużat jipprova -- fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju ta' appell -- jwessa' l-istess eċċezzjonijiet jew jisposta l-bażi tagħhom, b'mod li l-eċċezzjoni tiġi tkopri ferm aktar minn dak li jkun ġie oriġinarjament eċċediet fin-nota preżentata entro t-terminu ta' ħmistax-il jum tax-xogħol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta għal evażjoni tat-terminu perentorju msemmi, b'mod li jkunu effettivament qed jiġu sollevati eċċezzjonijiet wara li jkun skada dak it-terminu. Dan qed jingħad għax propju fil-każ odjern, l-akkużat, riferribbilment għall-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi, l-ewwel issolleva eċċezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata tagħha; wara, permezz tan-nota tiegħu tas-26 ta' Mejju, 1999, sposta kompletament il-bażi (ġa dikjarata) ta' dik l-eċċezzjonijiet b'mod li effettivament ġie li qed jissolleva eċċezzjoni ġdida[1].**

**10**. L-appellat minn naħa tiegħu jinsisti illi kwalunkwe kwistjoni fejn teżisti potenzjali leżjoni ta' xi dritt fondamentali tiegħu tista' titqanqal fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri billi din tolqot direttament il-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq.

**Ikkunsidrat:**

**11**. Illi l-Qorti minnufih u mingħajr tlaqliq tistqarr illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'dan l-ewwel aggravju minnu mqanqal u dan għaliex il-*quid iuris* marbut mal-ammissibilita' bħala prova ta' stqarrija tal-persuna akkużata meħuda mingħajr l-assistenza tal-avukat kienet diġà magħrufa għall-appellat fl-istadju meta huwa ġie notifikat bl-Att tal-Akkuża, u ma kien hemm ebda żvilupp ġurisprudenzjali in materja minn dak iż-żmien saż-żmien meta huwa ppreżenta t-talba tiegħu quddiem il-Qorti

[1] Deċiża Qorti Appell Kriminali (sede superjuri) 19 ta' April 2001

Kriminali. Fil-fatt il-*proviso* għall-artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali jagħti is-setgħa lil Qorti Kriminali tawtorizza lill-persuna akkużata tqanqal eċċezzjonijiet ġodda biss jekk dawn ikunu inqalgħu **"<u>wara ż-żmien</u> li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ippreżentata fir-reġistru tal-qorti**".

**12**. Illi dan magħdud, mhux biss din l-eċċezzjoni ġiet imqanqla *fuori termine* mill-appellat, izda l-Qorti tirriavviża difett ieħor proċedurali fil-mod kif l-appellat għoġbu iressaq din l-eċċezzjoni marbuta ma'l-ammissibbilita ta' prova kif maħsub fl-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali. Illi qabel ma l-akkużat iressaq eċċezzjoni ġdida wara it-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa jrid jagħmel talba lil qorti għaldaqstant. Illi allura huwa biss bl-awtoriżżazzjoni mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali illi l-akkużat jista' iressaq eċċezzjoni li ma tkunx ġiet sollevata qabel. Dan il-*proviso* jipprovdi testwalment hekk;

> **Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet għal raġuni li tkun inqalgħet wara z-żmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ippreżentata fir-reġistru tal-qorti.**

**13**. F'dan il-każ l-appellat ma ressaq ebda eċċezzjoni wara in-notifika lilu magħmula tal-Att tal-Akkuża, iżda għoġbu jqanqal il-kwistjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, u allura ta' prova determinanti fil-proċess ġudizzjarju, permezz ta' rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2020 fejn talab hekk:

> **"Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Romario Barbara nhar it-23 ta' Settembru 2016 hija leżiva tad-drittijiet fondamentali tiegħu u għaldaqstant inammissibbli, u konsegwentement tordna l-isfilz tagħha mill-atti proċesswali salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun."**

**14**. Illi għalkemm fil-korp tar-rikors tal-appell u tar-risposta l-partijiet jirreferu għad-deċiżjoni tal-qorti kriminali bħala sentenza, madanakollu dan ma huwa xejn ħlief digriet wara r-rikors li ġie ippreżentat mill-appellat tant illi il-verbali kollha quddiem il-Qorti Kriminali dejjem jirreferu għat-talba tal-appellat bħala rikors u finalment mill-

verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020 meta il-Qorti Kriminali laħqet id-deċiżjoni tagħha fuq din it-talba ġie indikat li "**Ingħata digriet**."

**15**. Illi l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali jagħmel din id-distinzjoni bejn digriet u sentenza tal-qorti meta jitkellem dwar appell minn digriet interlokutorju u dak minn sentenza definittiva. Issa, eċċezzjonijiet ta' natura bħal dawk ravviżati fl-Artikolu 449 għandhom ikunu deċiżi permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' digriet.

**16**. Dan ifisser illi l-proċedura korretta li kellha tiġi segwita kienet illi l-akkużat kellu qabel xejn jippreżenta rikors fejn jitlob l-awtorizzazzjoni mill-qorti preventivament sabiex iressaq eċċezzjoni ġdida, u imbagħad jekk dik it-talba tiġi milqugħa huwa iressaq nota li permezz tagħha iqanqal l-eċċezzjoni b'mod formali, bil-qorti tipprosegwi sabiex tagħti sentenza, u mhux digriet, fuq l-eċċezzjoni hekk sollevata.

**17**. Illi l-appellat jargumenta illi kwistjonijiet illi jolqtu leżjoni potenzjali ta' xi dritt kostituzzjonali jistgħu jitqanqlu fi kwalunkwe stadju u jagħmel analogija mad-deċiżjoni li ittieħdet fil-każ **ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** fejn il-kwistjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija tal-akkużat ġiet imqanqla wara li kien ingħalaq iż-żmien għal preżentata tal-eċċezzjonijiet.

**18**. Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi l-appellat ma għandux raġun u dan għaliex il-Qorti Kriminali f'dak il-każ ma kenitx iddeterminat il-kwistjoni hi stess, iżda kienet irreferiet il-kwistjoni dwar il-ksur tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fejn finalment il-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet li ma seħħet ebda vjolazzjoni u wara l-akkużat kien irrefera il-kwistjoni lil QEDB fejn hemmhekk ukoll instab li ma kienet għada seħħet ebda leżjoni f'dak l-istadju tal-proċeduri bit-talba tal-akkużat allura tkun waħda prematura u dan meta ġie hekk deċiż:

**"43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 Rik. Kost. 70/13 15 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).**

**………………………..omissis……………………… "**

**46. Furthermore……..the Court considers that it cannot be excluded that the applicant be eventually acquitted or that proceedings be discontinued. "**

**47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). "**

**48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected,**

**pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies".**

**19**. Dan ifisser illi l-appellat ma għandux raġun meta jirreferi għad-deċiżjoni ta' Dimech biex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu u ċioe' illi huwa qanqal dina l-eċċezzjoni wara l-egħluq tat-terminu lilu konċess skont il-liġi għal preżentata tal-eċċezzjonijiet preliminari u dan għaliex il-mod kif inqanqal dan l-ilment huwa għal kollox proċeduralment irritwali.

**20.** Illi allura l-Qorti tqies illi l-appellat ressaq din l-eċċezzjoni tiegħu b'mod irritwali u mhux konformi mal-liġi, u mhux biss , iżda anke l-Ewwel Qorti erronjament imbagħad għaddiet biex tiddetermina din il-kwistjoni mingħajr ma awtorizzat illi din l-eċċezzjoni titressaq b'mod formali biex b'hekk finalment iddeterminat din il-kwistjoni permezz ta' digriet u mhux sentenza.

**21. Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali. Tiddikjara illi l-eċċezzjoni imqanqla mill-appellat dwar l-inammissibbilita' tal-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija saret b'mod irritwali u konsegwentement tgħaddi biex tiddikjara d-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2020 bhala null u bla effett fil-ligi u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji rimanenti.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M Grixti**